**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Erbgħa u Għoxrin (24)**

**6 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

24.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

24.1.2 Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sindku Dr. Christian Zammit għan-nom tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra awgura l-isbaħ xewqat lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sinjura Manolita Farrugia, fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha li seħħ f'Diċembru 2020.

**24.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 22 li saret nhar l-Erbgħa 2 ta' Diċembru 2020 wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

**24.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa b'urġenza**

24.3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2020.

**24.4 Approvazzjoni tal-estimi finanzjarji annwali (*budget*) għas-sena 2021**

24.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-estimi finanzjarji annwali (*budget*) għas-sena 2021 kif preparati mill-*accountant* tal-Kunsill.

24.4.2 Il-Kunsill approva unanimament dawn l-estimi finanzjarji annwali li ser jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 24.5 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

24.5.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa jinsab għaddej ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-tielet parti ta' Triq Marsalforn. Dan ix-xogħol qed ikun iffinazjat mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li x-xogħol tal-bdil tal-*main* tad-drenaġġ u s-servizzi tal-ilma f'din it-triq qed ikun iffinanzjat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsilliera li nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2021 għandha ssir laqgħa oħra mal-kuntrattur u mal-Periti responsabbli minn dan ix-xogħol sabiex naraw l-andament tax-xogħlijiet. Ser ninsistu mal-kuntrattur sabiex dan ix-xogħol ikun konkluż sa mhux aktar tard mill-bidu tas-Sajf li ġej.

24.5.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ninsabu għaddejjin bit-tħejjijiet tagħna sabiex l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill jiġi rilokat għal parti mil-librerija pubblika 'Patri Ġiġi Camilleri SJ'. Dan peress li f'laqgħa li kellna mal-Onor. Ministru Clint Camilleri, Ministru għal Għawdex, il-Ministru wera l-interess tiegħu li l-Ministeru għal Għawdex jiffinanzja x-xogħlijiet kollha relatati mat-twaqqiegħ tal-bini eżistenti tal-Kunsill u l-kostruzzjoni ta' Ċentru Ċiviku ġdid għal-lokalita' tagħna.

Is-Sindku innota li preżentament qed titpoġġa l-istruttura temporanja fil-bini tal-librerija pubblika sabiex isir ir-rilokazzjoni tal-għamara tal-Kunsill u anke tad-dokumentazzjoni li attwalment tinsab fl-i*store* tal-Kunsill.

24.5.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru 2020 ġiet validata l-applikazzjoni tagħna għall-proġett ambizzjuż tal-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid fil-lokalita' li jinkorpora fih l-uffiċini l-ġodda tal-Kunsill, l-Għassa tal-Pulizija, klinika tal-Gvern, sala tal-komunita' u żewġ garaxxijiet fost l-oħrajn. Il-perijodu ta' oġġezzjonijiet mill-pubbliku għal dan il-proġett jagħlqu nhar il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2020 filwaqt li, skont il-*policies* attwali tal-Awtorita' tal-Ippjanar, il-permess għandu jiġi deċiż sa mhux aktar tard mit-8 ta' Marzu 2021.

Is-Sindku innota li l-Perit Edward Scerri qed jaħdem fuq l-istima riveduta ta' dan il-proġett bil-għan li d-dokument tat-tender jiġi ippubblikat appena jkollna l-permessi neċessarji.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius innota li, fl-opinjoni tiegħu, hija irresponsabbilita' kbira min-naħa tal-Perit Edward Scerri li għadu ma lestiex din l-istima minkejja li ilna minn Ottubru li ltqajna mal-Ministru għal Għawdex biex iddiskutejna dan il-proġett. Huwa qal li ser iżomm lill-Perit Scerri responsabbli jekk ma ningħatawx il-fondi għal dan il-proġett.

24.5.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-inġinier Joseph Azzopardi min-naħa tal-kumpanija *Galea Curmi Engineering Consultants* bagħat l-istima dettaljata għax-xogħol ta' installazzjoni ta' fanali ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa skont id-disinn li ġie approvat fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Din l-istima tammonta għas-somma ta' kważi € 40,000 VAT inkluża.

In vista tal-fatt li s-sitwazzjoni finanzjarja attwali tal-Kunsill ma tippermettilniex nidħlu għal spiża maġġuri ta' din ix-xorta, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nissottomettu applikazzjoni għall-fondi taħt id-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius semma l-ħsara li hemm fil-bankini tal-*belvedere* tal-Qaċċa minħabba li t-triq qed tisfronda u l-ħtieġa li jsir xogħol urġenti ta' manutenzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nibagħtu talba lid-Direttur Elsie Caruana sabiex possibilment tipprovdi l-ħaddiema li jkunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol.

24.5.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tal-offerti pubbliċi għall-provvista u installazzjoni ta' sinjali tat-traffiku fil-lokalita', kien hemm kuntrattur wieħed li tefa' l-offerta tiegħu. Dan huwa s-Sur Raphael Refalo u l-ammont kwotat kien ta' € 8825.00 VAT eskluża.

Fid-dawl ta' dan, huwa propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandu jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni li jevalwa l-offerti sottomessi, liema bord

ikun iffurmat minn Dr. Larry Formosa bħala *chairman*, Dr. Mario Scerri, il-Perita Mariella Xuereb u l-*accountant* Anthony Farrugia bħala *evaluators* filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-bord.

24.5.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna noħorġu offerta pubblika (*tender*) għal servizz ta' inġinier għal xogħol tal-Kunsill. Din l-offerta ser tiġi ippubblikata fil-jiem li ġejjin.

24.5.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi attwali relatati mal-imxija tal-Covid-19 f'pajjiżna, l-attivitajiet tal-Karnival għal din is-sena għandhom jiġu kanċellati. Dan peress li l-ebda kumpanija lokali taż-żfin mhi ser tipparteċipa fil-Karnival Reġjonali ta' Għawdex minħabba s-sitwazzjoni preżenti.

24.5.8 Il-Kunsill iddiskuta l-*performance appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard u l-impjegati klerikali fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għas-sena 2020.

Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard għandu jieħu *full performance bonus* ta' 10% filwaqt li l-*Assistant Principal* Josephine Sultana u l-Uffiċjal Eżekuttiv Manolita Farrugia jieħdu *full performance bonus* ta' 6% kull waħda.

24.5.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Thomas Xerri li huwa responsabbli mill-proġett tal-installazzjoni ta' *planters* f'Misraħ il-Vitorja għadu kemm ordna l-materjal biex eventwalment ikun jista' jibda x-xogħol propost li għalih il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ingħata finanzjament speċjali mill-Ministeru tal-Ambjent Sostenibbli u Tibdil fil-Klima. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021 ser issir laqgħa dwar dan il-proġett fl-uffiċċju tal-Kunsill.

24.5.11 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li, b'effett immedjat, għandna nirtiraw il-parteċipazzjoni tagħna fil-proġett 'Slow Streets' imniedi mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fid-dawl li preżentament qed tiġi preparata *masterplan* professjonali għall-qalba tal-lokalita' tagħna mill-kumpanija *EMDP Limited*.

24.5.12 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li, fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija tal-Covid-19 f'pajjiżna, il-kors ta' *basic first aid* li kellu jsir fis-16, 23 u 30 ta' Jannar 2021 għandu jiġi pospost sakemm is-sitwazzjoni tirritorna lura għan-normal.

24.5.13 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li, fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija tal-Covid-19 f'pajjiżna, l-attivitajiet soċjali tal-anzjani fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għandhom jibqgħu sospiżi sakemm is-sitwazzjoni tirritorna lura għan-normal.

## 24.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

24.6.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq ix-xogħol li għandu jsir fi Triq Għajn Wajtar. Is-Sindku wieġeb li wara li saret *on-site visit* mill-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri, ġie deċiż li x-xogħol għandu jsir wara li jkun waqaf l-ilma u li t-triq tingħalaq għal tlett ijiem matul il-perijodu tax-xogħlijiet.

24.6.2 Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-proposta tiegħu li t-trakkijiet il-kbar jiġu iddevjati minn Triq it-Tafla qabel ma jaslu fid-daħla prinċipali tar-raħal minn Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Is-Sindku wieġeb li qed nistennew laqgħa ma' Dr. Deborah Camilleri min-naħa ta' Transport Malta rigward din il-proposta.

24.6.3 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li jsir il-qtugħ tal-ħaxix fit-toroq fil-lokalita' tagħna. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-*Community Workers Foundation* assenjati magħna fil-ġimgħat li ġejjin.

24.6.4 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar meta ser issir il-laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika relatata mal-*masterplan* li qed tiġi preparata għall-qalba tal-lokalita' tagħna. Is-Sindku Dr. Christian Zammit wieġeb li qed

jistenna risposta mingħand il-Perit Mariello Spiteri u ser niċċekkjaw miegħu fil-jiem li ġejjin.

24.6.5 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li jsir xogħol ta' *patching* f'diversi żoni fil-lokalita' fosthom Triq Marsalforn. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw aktar materjal għall-*patching* sabiex ikun jista' jsir dan ix-xogħol.

**24.7 Qari tal-Korrispondenza**

24.7.1 Ittra mingħand l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jipprovdi ħaddiem li preżentament huwa addett miegħu (*Community Worker*) sabiex ikun jista' jibda jagħmel numru ta' sigħat fil-ġimgħa (ġurnata jew tnejn) ta' ħidma fi Ġnien il-Ħajja biswit iċ-Ċimiterju tax-Xagħra.

Il-Kunsill qabel li għandna nassenjaw ħaddiem sabiex jagħmel dan ix-xogħol darbtejn fil-ġimgħa bil-kundizzjoni li ma jintużax makkinarju u li l-ħaddiem ikun fir-responsabbilita' tal-Parroċċa f'dawn il-jumejn. Ser nieħdu ħsieb ninfurmaw b'dan l-arranġament lill-amministrazzjoni tal-*Community Workers Foundation*.

24.7.2 E-mail mingħand Pauliana Said f'isem l-Għaqda *Voice For Inclusion Gozo* li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jipprovdi kamra mingħajr ebda ħlas fejn ikun jista' jingħata s-servizz ta' *occupational therapy* f'Għawdex għal tfal bi bżonnijiet speċjali.

Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba peress li (a) l-ispazju disponibbli fl-uffiċċju tal-Kunsill huwa żgħir wisq biex jakkomoda dan is-servizz u (b) fil-ġimgħat li ġejjin, għandu jinbeda x-xogħol tat-twaqqiegħ tal-bini eżistenti tal-Kunsill u l-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid għal-lokalita' tagħna.

24.7.3 Ċirkulari mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar it-tnedija tal-proċess għas-sejħa ta' interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Is-sottomissjonijiet ser jintlaqgħu sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.4 Ċirkulari numru 07/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Allokazzjoni Finanzjarja għall-2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.5 Ċirkulari numru SPI/SCI/7/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart'. Is-sottomissjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2021.

Il-Kunsill qabel li għandna nuru l-interess tagħna f'din l-iskema sabiex isiru *bins* taħt l-art fejn jinġabar l-iskart fiż-żoni fejn preżentament jinsabu l-*bring-in-sites* fi Triq it-Tafla u Triq il-Marġa.

24.7.6 Ċirkulari numru 133/2020 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Istrina 2020'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.7 E-mail mingħand l-artist Xagħri, Mario Agius, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni ta' esebizzjoni ta' skulturi maħdumin bl-idejn li ser issir bejn il-Ġimgħa 5 ta' Marzu u s-Sibt 27 ta' Marzu 2021 fil-*Banca Giuratale*, il-Belt Victoria. Il-Kunsill qabel li jikkollabora f'din l-inizjattiva bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 150.

24.7.8 E-mail mid-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa tal-Annimali b'informazzjoni dwar skema ta' *neutering* għal qtates mitluqin fil-lokalitajiet Maltin u Għawdxin.

Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel unanimament li għandu japplika għal din l-iskema.

24.7.9 E-mail mingħand Anthony Joe Borg għan-nom tal-Kumitat Organizattiv tal-Presepju 'Għal Għonq it-Triq' li fiha qed jinforma lill-Kunsill li din l-attivita' ser tiġi iffinanzjata kollha mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.10 E-mail mingħand is-Sinjura Claudette Gambin mill-Ministeru tal-Ambjent b'informazzjoni dwar skema finanzjarja għat-tisbieħ ta' pjazez urbani

madwar Malta u Għawdex. L-iskema għalqet nhar il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.11 Ċirkulari numru 134/2020 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 40'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.12 Direttiva 07/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Direttiva dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.13 Ċirkulari numru 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Emendi għall-Att dwar Gvern Lokali (Kap.363)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.14 Ċirkulari numru SPI/SCI/8/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-Sena 2022'. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis 8 ta' April 2021.

Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-espressjoni ta' interess u li għandu jinkariga lil Dr. Aaron Attard Hili u lil Charles Bezzina sabiex jassistuh fil-mili ta' din l-applikazzjoni.

24.7.15 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar it-tnedija mill-ġdid tal-*European Label of Governance Excellence (EloGE)*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.16 E-mail mingħand l-Għaqda 'Earthguardians Malta' li fiha qed jitolbu permess mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jiġi installat *Clean-Up Station* fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra.

Il-Kunsill qabel li għandu jirreferi din it-talba lis-Sinjura Amity Galea, *beach manager* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

24.7.17 Ċirkulari numru 135/2020 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Inizjattiva Rigal b'Imħabba – Milied għat-Tfal kollha'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.18 Kwotazzjoni mingħand il-kumpanija *Econetique Limited* għax-xogħol u installazzjoni ta' sistema ta' ventilazzjoni fil-parti tal-librerija pubblika 'Patri Ġiġi Camilleri' li fiha ser jiġi rilokat l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill sakemm isir il-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid fil-lokalita' tagħna. Il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' € 967.43c. Il-Kunsill approva unanimament din il-kwotazzjoni.

24.7.19 Ċirkulari numru SPI/SCI/9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Insaħħu l-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali'. Applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.20 Ċirkulari numru 136/2020 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'MentorAid – Sessjonijiet ta' taħriġ Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsilliera (PR, Social Media, CRM, Mental Health, Stress Management). Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.21 E-mail mingħand il-Perit Edward Scerri b'informazzjoni dwar *PC application* sabiex jinbidel l-*alignment* fil-Pjazza quddiem il-Mitħna Ta' Kola sabiex issir *traffic management plan* adekwata għaż-żminijiet tal-lum. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi sottomessa din l-applikazzjoni.

24.7.22 E-mail mingħand Miriam Xerri li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jiġu organizzati sessjonijiet tal-*keep fit* għar-residenti Xagħrin.

Il-Kunsill ma aċċettax li jikkollabora f'din l-inizjattiva in vista tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija tal-Covid-19.

24.7.23 Ċirkulari numru 137/2020 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'MentorAid – Waste Management Plan and Consultation Process – Webinar 07/01/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.24 E-mail mingħand is-Sur Mario Borg, *Chief Executive Officer* tal-*Gozo Regional Development Authority*, li fiha qed jistieden lill-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jattendu għal seminar informattiv li ser isir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2021 bil-għan li tiġi varata l-ħidma ta' din l-Awtorita' għall-iżvilupp reġjonali tal-gżira Għawdxija. Is-Sindku Dr. Christian Zammit ser jattendi għal dan is-seminar għan-nom tal-Kunsill.

24.7.25 Ċirkulari numru 138/2020 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'MentorAid – Financial Regulations 20/01/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.26 Ċirkulari numru 139/2020 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'L-Ewwel Term Skolastiku ġie fi tmiemu wkoll – GRAZZI'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.7.27 E-mail mingħand il-Perita Mariella Xuereb bl-istima għax-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ fil-*belvedere* ta' San Marzjal fi Triq Sant'Anton. L-istima tammonta għas-somma ta' € 24,886.01c VAT eskluża.

Peress li din l-istima teċċedi l-*budget* li għandu l-Kunsill għad-diżpożizzjoni tiegħu, is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jipprovdi ħaddiema li jistgħu jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni f'dan il-*belvedere*.

Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nagħmlu rapport formali lill-*Building Regulations Office* rigward ix-xogħol ta' kostruzzjoni li qed isir fil-bidu ta' Triq San Marzjal.

24.7.28 E-mail mingħand il-Perit Saviour Micallef li fiha qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex tkun tista' tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja relatata max-xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq Ta' Bertrija (PA 4231/16). Il-Kunsill qabel li għandu jagħti din in-*no objection*.

24.7.29 E-mail mingħand is-Sur Donald Gouder, *Deputy Chief Officer* fi ħdan Transport Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li l-Awtorita' tat-Trasport m'għandha l-ebda oġġezzjoni li ssir iz-*zebra*

*crossing* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Din iz-*zebra crossing* ser tiġi iffinanzjata mill-Ministeru għal Għawdex.

Il-Kunsill innota l-kontenut u irringrazzja lil Transport Malta u lill-Ministeru għal Għawdex għal din l-approvazzjoni.

**24.8 Ilmenti mir-residenti**

24.8.1 Talba mingħand John Rapa ta' 8, Ġnejna Court, Triq il-Ġnejna, sabiex isir parking riservat għal karozza elettrika quddiem ir-residenza tiegħu. Transport Malta. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.8.2 Talba mingħand Carmen Bellamy ta' Sqaq fi Triq it-28 ta' April 1688 sabiex jitneħħew numru ta' vetturi mingħajr pjanċi ta' reġistrazzjoni li jinsabu ipparkjati f'dan l-isqaq għad-detriment tar-residenti li jgħixu hemmhekk. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu rapport formali lill-Pulizija u lill-Aġenzija tal-Infurzar Lokali (LESA).

24.8.3 Talba mingħand Vincenza Apap ta' Triq Ta' Ġorf sabiex titranġa l-bankina quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

24.8.4 Talba mingħand Pinu Attard ta' Triq George Mc Adam sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar (i) madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx ta' residenza li għandu fi Triq Ġwann Marija Camilleri u (ii) quddiem ir-residenza numru 12 fi Triq Tal-Qaċċa. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.8.5 Talba mingħand Marija Mercieca ta' Triq Laurent Ropa sabiex titneħħa l-bankina li hemm fuq in-naħa tat-triq fejn m'hemmx residenzi privati ħalli b'hekk tikber it-triq u jkun hemm aktar wisa' għall-*parking*. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

24.8.6 Talba mingħand Patrick Spiteri ta' Triq il-Ponta, Żebbuġ Għawdex, sabiex jitranġa sqaq fi Triq Tas-Sruġ bil-konkos. Il-Kunsill qabel li għandna

nitolbu lis-Sur Spiteri sabiex jipprovdi dikjarazzjoni mill-Uffiċċju tal-Artijiet li dan huwa sqaq pubbliku.

24.8.7 Talba mingħand Karl Tabone ta' Triq Ġnien Xibla sabiex jingħata s-siment quddiem propjeta' li għandu f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jsir il-*patching* bit-tarmak f'din it-triq.

24.8.8 Talba mingħand Derek Cardona ta' Triq it-28 ta' April 1688 sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.8.9 Talba mingħand Victoria Vella ta' Triq Ta' Ġorf sabiex issir *communal reserved parking bay* għad-*disabled* quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.8.10 Talba mingħand Mark Sultana ta' Triq Ta' Stellini sabiex jitranġa ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Għajn Ħosna. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

24.8.11 Talba mingħand Joe Gauci għan-nom tax-*Xagħra Boċċi Club* li fiha qed jitlob li titranġa l-art tal-kalata tal-boċċi li tinsab fil-*playing field* tal-lokalita' tagħna fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Gauci sabiex jippreżenta stima tax-xogħlijiet sabiex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

24.8.12 Talba mingħand Grezzju Bajada ta' Triq Sant'Anton sabiex jitranġa ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq San Marzjal. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

24.8.13 Talba mingħand Emmanuela Bonello ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru sabiex (i) issir siġra tal-Milied fid-daħla prinċipali tar-raħal għal żmien il-festi tal-Milied u (ii) il-Kunsill Lokali jinċentiva lir-residenti, speċjalment dawk li joqogħdu fit-toroq prinċipali tal-lokalita', sabiex iżejnu d-djar tagħhom minn barra għall-festi tal-Milied.

Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna ninvolvu lill-Għaqda 'Il-Milied fix-Xagħra' sabiex naraw x'ideat innovattivi jistgħu joħorġu bihom sabiex issir siġra tal-Milied u presepju ġdid fi Pjazza l-Vitorja.

Il-Kunsillier Stefan Bajada rtira mil-laqgha fis-7.00pm.

24.8.14 Talba mingħand Alex Farrugia ta' Triq Kortoll sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Triq Knisja sas-sqaq fejn hemm il-*Gozo Express*. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha terġa' tiġi diskussa flimkien ma' uffiċjali ta' Transport Malta.

24.8.15 Talba mingħand Joseph Portelli ta' Triq Marsalforn sabiex isir *patching* fl-aħħar parti tat-triq. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

24.8.16 Talba mingħand Walter Joseph Bezzina ta' Triq Marsalforn sabiex jingħata s-siment f'parti minn Triq tal-Wied tal-Għeżien li tintuża mill-bdiewa biex jaċċessaw l-għelieqi tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Salvu Bonello sabiex jipprepara stima ta' dawn ix-xogħlijiet.

Il-Kunsillier Stefan Bajada irritorna lura fil-laqgha fis-7.15pm.

24.8.17 Talba mingħand Vince Agius ta' Triq Ġnien Imrik sabiex issir *Keep Clear* quddiem id-*drive-in* li hemm maġenb ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.8.18 Talba mingħand Christian Magrin għan-nom tas-Sur Liam Garvey ta' Triq l-Għejun li fiha qed jitlob sabiex jitranġa bil-konkos parti mill-isqaq maġenb ir-residenza tas-Sur Garvey sabiex tkun tista' tintuża b'mod sigur minn kulħadd. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Magrin sabiex jipprovdi dikjarazzjoni mill-Uffiċċju tal-Artijiet li dan huwa sqaq pubbliku.

24.8.19 Talba mingħand Charles Gatt ta' Triq Ġnien Xibla sabiex jitkompla x-xogħol bis-siment fi Triq Ta' Garaffa u titnaddaf ftit aktar 'il ġewwa peress li qed ikun hemm ħafna ħamla meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Salvu Bonello sabiex jipprepara stima ta' dawn ix-xogħlijiet.

24.8.20 Talba minghand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex jitranġa *culvert* miksur li hemm fi Triq Kortoll. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba lill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex li huma assenjati mal-lokalita' tagħna.

24.8.21 Talba mingħand Noel Camilleri sabiex jitranġa ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq tal-Għeżien. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

24.8.22 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex issir *communal reserved parking* għad-*disabled* fi Triq Tas-Sruġ. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.8.23 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex isir tapit blu taht il-*communal reserved parking bay* ghad-*disabled* li hemm fi Pjazza l-Vitorja sabiex jindika l-preżenza ta' dan l-ispazju ta' parkeġġ. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu stima ta' dan it-tapit.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius u l-Kunsillier Anthony Attard qalu li mhumiex jaqblu li jkun hemm dan it-tapit u lanqas l-*istencil* in viżta tal-fatt li preżentament qed nistennew l-eżitu tal-*masterplan* għall-qalba tal-lokalita' tagħna.

**24.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

24.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

24.9.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament bl-eċċezzjoni tal-pagament ta' Dr. Antoine Zammit għar-raġunijiet imsemmija fi 24.5.11.

**24.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

24.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-7.45pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2021 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dr. Christian Zammit** | **Ivan Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |